MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 192/1998/1

**L-Avukat Dottor Mario Scerri**

**vs**

**Registratur tal-Qorti**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta’ Marzu, 2009, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti;
>
> Rat ir-rikors u r-risposta;
>
> Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi;
>
> Billi a tenur ta' l-artikolu 64 (1) tal-Kap. 12, taxxa ta' l-ispejjez gudizzjarji ma tistax tigi attakkata

wara li jaghlaq xahar, u dan iz-zmien ghal dawk li jitolbu t-taxxa bhal ma ghandna fil-kaz in ezami, jibda' jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa;

Billi r-rikors prezenti gie ntavolat zmien twil wara li kien skada, dan it-terminu, li huwa wiehed ta' dekadenza, u bhala tali, ta' ordni pubbliku, li ghandu jitqajjem minnha stess, anke jekk, ma ssir l-ebda referenza ghalih mill-intimati,

Billi ghalhekk dan ir-rikors huwa null;

Tichad it-talba."

Appella minn dan il-provvediment ir-rikorrenti l-Avukat Dottor Mario Scerri bl-obbjezzjonijiet li gejjin:-

(1) Preliminarjament, in-nullita tad-digriet billi dan ma nghatax fl-24 ta' Marzu, 2009 izda fl-24 ta' April, 2009;

(2) Iz-zmien stabbilit fl-Artikolu 64 (1) tal-Kapitolu 12 ma japplikax ghal kaz billi t-talba tieghu ma hijiex wahda diretta biex jimpunja taxxa izda biex ir-Registratur jigi ordnat johroglu taxxa ta' l-ispejjez u tad-drittijiet tieghu ghall-eccezzjonijiet f'isem l-eredi prezuntivi Victor u Spiridione ahwa Mercieca fil-kawza per Citazzjoni Numru 192/1998 fl-ismijiet "George Mercieca *et* -vs- Maria Mercieca *et*" deciza fl-20 ta' Gunju, 2007;

Ir-Registratur intimat ma pprezentax twegiba in iskritto ghal dan l-appell izda fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2009 issolleva l-punt dwar jekk il-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti fuq dik il-bazi legali minnha prexxelta kellhiex tkun fil-forma ta' sentenza invece ta' wahda b'semplici digriet. Il-Qorti jidhrilha li ghandha mill-ewwel tokkupa ruhha minn din l-eccezzjoni, anke ghaliex jekk tirrizulta li hi valida jkun ghal kollox inutili li tidderimi l-gravami sottomessi;

Assumendo ghall-mument, u dan *gratia argomenti* biss, illi hemm qbil ma' l-ewwel Qorti illi ghal kaz kien japplika d-dispost ta' l-Artikolu 64 tal-Kodici ritwali, *stricto jure*, il-pronunzjament minnha emess, skond gurisprudenza uniformi, ma kellux ikun fil-forma ta' digriet semplici imma f'dik ta' sentenza vera u proprja;

Biex tigi kjarita din il-konkluzjoni hu utili li jigi ripetut dak profess minn din il-Qorti fis-sentenza recentissima taghha tal-15 ta' Lulju, 2009 fil-kawza "**Avukat Dottor Carmelo Galea -vs- Silvio Zammit u Registratur tal-Qorti ghal Ghawdex**":-

"Jinzel minn dawn l-enuncjazzjonijiet kollha b'applikabilita` ghal kaz prezenti (trattasi ta' kwestjoni ta' ritassa skond l-Artikolu 64, Kapitolu 12) illi l-provvediment moghti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma jistax ma jirrivestix il-forma ta' sentenza vera u proprja in kwantu permezz taghha dik il-Qorti ddeterminat b'mod definittiv it-talba ta' l-appellat ghar-ritassazzjoni tal-kawza. Fiz-zgur ma kienx minn natura ta' semplici digriet interlokutorju li kien jinfluwixxi fuq l-andament tal-proceduri bhal ma huma dawk a norma ta' l-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 izda sentenza f'kull sens li ddeterminat u tterminat il-kwestjoni guridika u li minnha l-Qorti li ppronunzjata ma setghetx tindetreggja lura."

In konsegwenza ta' din l-affermazzjoni din il-Qorti kif presjeduta ghaddiet biex tichad l-eccezzjoni preliminari mqanqla ta' l-irritwalita` ta' l-appell fuq l-assunt illi l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti kien minn natura ta' digriet u mhux ta' sentenza, kif hekk effettivament kien;

Il-konsegwenza ta' din il-konsiderazzjoni hi dik illi, anke kieku stess d-domanda sottoposta lill-ewwel Qorti kienet wahda ta' ritassa, il-forma ritwali li kellha tkun adottata mill-Qorti Inferjuri ma setghetx hlief tkun dik ta' sentenza finali. Purament minn din l-ottika l-pronunzjament moghti hu wiehed ghal kollox irritwali;

Issa ma jistax ma jigix rilevat illi, minn kif redatta, it-talba ta' l-attur appellant ma tannoverax ruhha fil-parametri ta' l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12. It-talba ma timpurtax ritassa. Dan ghal raguni illi minn imkien mill-att promotur ma jirrizulta illi l-attur qieghed jippremetti jew jallega l-eccessivita` ta' xi taxxa jew jitlob ir-riduzzjoni taghha jew, altrimenti, jikkontesta t-taxxa emessa ghal xi raguni ta' non-konformita mat-tariffi stabbiliti. Huwa, invece, qieghed jinvoka lill-Qorti biex din tordna lir-Registratur jadempixxi l-obbligu tieghu li johroglu taxxa ghal dik il-pretensjoni tieghu. Jekk in essenza ghandux ragun f'din il-pretensjoni tieghu u l-gudikant ghandux jiddeciedi adezivament ghaliha din hi kwestjoni ohra eskluzivament dipendenti mid-determinazzjoni u l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti li lilha ser ikollhom jigu rimessi l-atti;

Wisq ragonevolment dik l-istess Qorti ghandha f'dak l-istess skruntinju minnha tal-problematika tikkonsidra ulterjorment jekk l-att promotur innifsu huwiex konformi u idoneju ghall-forma ritwali li bih ghandha ssir azzjoni ta' din ix-xorta. Dan qed jigi pprecizat in kwantu trattazzjoni hafifa fuq dan il-punt giet hekk ukoll sollevata quddiem din il-Qorti fil-kors tad-dibattitu orali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, prevja l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tar-Registratur appellat, tannulla u thassar ghal kollox il-provvediment moghti mill-ewwel Qorti. Tirrimanda l-atti lura lill-istess Qorti ghad-decizjoni skond il-ligi. Fic-cirkostanzi huwa xieraq li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------